**Kunsill Lokali Żejtun**
**'Dar iż-Żwieten'**, 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

ŻEJTUN Citta' Beland
Frott iż-Żebbuġ Ismi

**Seduta** 06/10 tas-sitt Kunsill Lokali elett Marzu 2008
**Data** 18/03/2010 fis-6.45 pm
**Post** Sala Mikiel Cachia, 'Dar Iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun

| **Attendenza** | | |
|---|---|---|
| | Sindku Joe Attard | Preżenti |
| | Viċi Sindku Joan Agius | Preżenti |
| | Camilleri Claude | Preżenti |
| | Darmanin Richard | Preżenti |
| | Fenech Stephanie | Preżenti |
| | Hales Joseph | Assenti minħabba xogħol |
| | Pace Darrell | Preżenti |
| | Seychell Anthony | Preżenti |
| | Wille Piscopo Elisabeth | Preżenti |

**Preżenti wkoll**
Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon
Assistent Prinċipal Caroline Schembri

**06. 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 06. 1. 1 | | Proponent:Wille Piscopo<br>Sekondant:Camilleri | **Il-Minuti 05/10 inqraw u ġew approvati nem.con. bil-korrezzjonijiet li ġejjin:-** | |
| | 05.9.14 | Wara l-kelliema jiżdied l-isem ta' Patri George Aquilina filwaqt li wara l-kelma skart jidħlu l-kliem ' u dwar il-preżentazzjoni ta' Jum iż-Żejtun imtella' mis-Sindku'. | | |
| 06. 1. 2 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | | |

**06. 2. Rapporti mill-Minuti**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 06. 2. 1 | 05.2.2 | Sindku: Tkabbir tas-Suq | Is-Sindku informa lill-Kunsill li bħalissa qed issir pjanta għall-*embellishment* tat-tkabbir tas-Suq. Seychell qal li l-kuntrattur ta' La Fayette Court kellu jgħin fl-embellishment li kellu jsir. Is-Sindku wieġeb li l-kuntrattur lest li jgħin la darba jkollna l-permessi meħtieġa. | Pace |
| 06. 2. 2 | 05.2.4 | Sindku: Żjara tal-President | Il-Viċi-Sindku staqsiet jekk hux ser isir xi programm għal waqt iż-żjara tal-President. Is-Sindku spjega li ser isir kuntatt mas-Segretarjat ta' l-Uffiċċju tal-President sabiex jingħata l-programm li l-Kunsill jixtieq li jiġi esegwit u jingħata konferma jekk Ġnien iż-Żgħożija hux ħa jkun inawgurat mill-President. | Sindku |
| 06. 2. 3 | 05.2.6 | Sindku: Tender 01/2010 Street LED Lanterns | Il-Kunsill ġie infurmat li s-sample tal-lanterna baqa' ma wasalx. Camilleri staqsa jekk kienx sar kuntatt mal-kuntrattur li jissupplixxi fanali antiki b'LED. | Sindku |
| 06. 2. 4 | 05.2.7 | Sindku: Impjieg Clerk Part-time | Is-Sindku informa lill-Kunsill li Rose Marie Cassar ġiet il-Kunsill u aċċettat li tkun impjegata mal-Kunsill Lokali Żejtun. Hija iltaqgħet mal-kumplament ta' l-istaff. | Sindku |
| 06. 2. 5 | 05.2.8 | Sindku: Żjara Grupp ta' Studenti mill-Puglia | Is-Sindku rrapporta l-ospitalita' li ngħatat lil dan il-grupp ta' studenti mill-Puglia. Huwa rringrazzja lill-MTA għall-provvediment ta' trasport u servizz ta' gwida. | Sindku<br>Viċi-Sindku |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 06. 2. 6 | 05.2.9 | Sindku: Skart Reċiklabbli | Is-Sindku informa lill-Kunsill li tħabbar li miż-Żejtun il-kwantita' ta' skart reċiklabbli żdied. Is-Sindku spjega li għad fadal problemi bħal per eżempju fi Triq Wied il-Għajn. Wille Piscopo reġgħet ġibdet l-attenzjoni ta' tfiegħ ta' skart mhux separat fi Triq Dejma. Il-Viċi-Sindku semmiet inċident fejn rat żgħażagħ li kienu se jwaddbu ġebel ġo skip u hi qaltilhom li dan l-abbuż ma jistax isir. Is-Sindku semma' każ ieħor ta' tfiegħ ta' skart minn kollettur (mhux miż-Żejtun) ġewwa l-lokalita' tagħna fejn jarma l-monti. Ittieħdet azzjoni. | Sindku |
| 06. 2. 7 | 05.3.3 | Wille Piscopo: Titjiriet għal Seville | Wille Piscopo infurmat lill-Kunsill li x'aktarx it-titjiriet għal Seville permezz tar-Ryan Air ser jibdew isiru kull nhar ta' Tlieta u kull nhar ta' Sibt. | |
| 06. 2. 8 | 05.9.5 | Sindku: Triq Falkunier | Il-Kunsill ġie infurmat li x-xogħol li kien għaddej fi Triq Falkunier tlesta. Il-Viċi-Sindku ġiet avviċinata minn resident f'din it-triq dwar il-preżenza tal-Pulizija minħabba qsari fuq il-bankina. **Il-Kunsill qabel nem.con li ladarba persuna tkun tista' tgħaddi b'pushchair ma jsib l-ebda oggezzjoni li jitpoġġew qsari fuq il-bankini.** Is-Sindku spjega li dan l-item ser jitqajjem waqt il-laqgħa li hu flimkien mal-Viċi-Sindku u Darmanin ser ikollu mal-Pulizija. | Sindku<br>Viċi-Sindku<br>Darmanin |
| 06. 2. 9 | 05.9.11 | Viċi-Sindku: Cameras - Ġnien San Girgor | Il-Viċi-Sindku staqsiet jekk kienx hemm progress dwar il-cameras ta' San Girgor. Is-Segretarjat wieġeb li għadna qed nistennew mill-MITA. | Segretarjat |
| 06. 2. 10 | 05.9.14 | Sindku: Ġieh iż-Żejtun | Is-Sindku ħeġġeġ lill-kunsilliera sabiex jattendu għas-serata ta' Ġieh iż-Żejtun li ser issir għada 19 ta' Marzu fis-7.30pm ġewwa s-Sala Parrokkjali. | Seychell |
| 06. 2. 11 | 05.9.20 | Camilleri: Skip - Skola Primarja A | Camilleri staqsa jekk kienx hemm xi risposta dwar l-iskip nieqsa mill-iskola primarja A mingħand Frans Said. Ir-risposta kienet fin-negattiv. | |

**06. 3. Korrispondenza**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML06/10. B'riferenza għal:

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 06. 3. 1 | 15 | Dr Chris Said: ECAD | Is-Sindku inkariga lis-Sinjura Joan Agius sabiex tattendi għal konferenza annwali kontra l-abbuż tad-droga bejn it-22 u l-24 ta' April iżda nsaqsu dwar il-membership fee f'din l-għaqda li hi ta' €200.00. | Viċi-Sindku |
| 06. 3. 2 | 18 | TM: Bus Shelters | B'referenza għal ittra ta' Trasport Malta dwar il-bdil ta' Bus Shelters, il-Kunsill qabel li għandu jikteb lura sabiex ikun jaf liema bus shelters ser jinbidlu. | Segretarjat |
| 06. 3. 3 | 21 | F. Said: Żieda fil-ħlas tal-ġbir ta' skart domestiku | Wara li inqrat it-talba tas-Sur Frans Said għal żieda fil-ħlas tal-ġbir ta' l-iskart, **il-Kunsill qabel li jinforma lill-Said li l-kuntratt il-ġdid għal ġbir ta' skart ser joħroġ fix-xahar ta' April.** | Sindku |
| 06. 3. 4 | 22 | M. Grima: Użu ta' sala | **Is-Sindku inkariga lill-Viċi-Sindku sabiex tikkoordina mas-Sinjura Grima ħalli isiru laqgħat għall-pubbliku minn podiatrists.** | Viċi-Sindku |

**06. 4. Ħlasijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 06. 4. 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 06/10 | **Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill.** | Segretarjat |
| 06. 4. 2 | | Tabella tal-Ħlasijiet 06/10 | **Il-Kunsill approva nem.con il-ħlas tal-kontijiet l-oħra skond kif jidher fit-tabella tal-ħlasijiet 06/10 bil-verifiki meħtieġa kif indikat fuq l-istess tabella.** | Segretarjat |
| 06. 4. 2 | i | Asfaltar Ltd. | Darmanin talab li l-kont ta' l-Asfaltar Ltd. ma jitħallasx peress li x-xogħol fi Triq Anġlu Grima ma sarx sewwa. Darmanin ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar ir-rampi tal-garaxxijiet fl-istess triq. | |
| 06. 4. 2 | ii | Għaqda ta' l-Armar | Il-Viċi-Sindku staqsiet jekk l-Għaqda ta' l-Armar tħallsietx għall-armar ta' l-antaljoli tal-Milied. Is-Sindku spjega li kien hemm xi problemi. Seychell informa lill-Kunsill li l-kuntrattur Lawrence Cassar naqas li jneħħi xi wires. | |
| 06. 4. 3 | | Talbiet għal Xiri 06/10 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xoghlijiet, oġġetti jew servizzi.** | Segretarjat |
| **06. 5.** | | **Impjieg tas-Segretarju Eżekuttiv** | | |
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 06. 5. 1 | | Sindku | Is-Sindku qara l-ittra li s-Segretarju Eżekuttiv irċieva fejn kien qed jiġi infurmat li dan sar Uffiċċjal Pubbliku. Mehmuż ma' din l-ittra kien hemm żewġ karti ta' l-ETC sabiex jiġu iffirmati mis-Sindku:- it-terminazzjoni ta' l-impjieg minn mal-Kunsill Lokali Żejtun u l-bidu ta' impjieg mal-Gvern. Is-Sindku spjega li ma kienx mgħarraf dwar il-korrispondenza li ntbagħtet lis-Segretarji Eżekuttivi. Is-Sindku kellem lid-Direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali peress li ma kien irċieva l-ebda korrispondenza f'dan ir-rigward. Huwa informa wkoll lid-Direttur li ma kienx ħa jiffirma qabel ma jkollu deċiżjoni mill-Kunsill. Id-Dipartiment tal-Gvern Lokali ikkonferma li l-paga tas-Segretarju Eżekuttiv ser tibqa' toħroġ mill-Kunsill Lokali. Is-Sindku informa lill-Kunsill li ttieħed parir legali fejn l-avukat ikkonferma li l-kuntratt li ġie iffirmat mal-bidu ta' l-impjieg mis-Sindku u s-Segretarju huwa legalment validu. | |
| 06. 5. 2 | | | Darmanin tkellem mal-President ta' l-AKL, is-Sur Michael Cohen dwar din il-kwistjoni fejn dan lest jikteb barra minn Malta bl-appoġġ tal-Kunsilli Lokali. | |
| 06. 5. 3 | | | Il-Viċi-Sindku saħqet li ladarba s-Segretarju Eżekuttiv ġie impjegat mal-Kunsilli Lokali Żejtun qabel ma ħarġet ir-riforma tal-kunsilli lokali, is-Segretarju għandu jibqa' impjegat tal-Kunsill Lokali Żejtun. Il-Viċi-Sindku esprimiet id-dubji tagħha li ladarba s-Segretarju Eżekuttiv ikun Uffiċċjal Pubbliku kemm jista' jibqa' leali lejn is-Sindku, il-Kunsill u l-impjegati ta' l-istess Kunsill. | |
| 06. 5. 4 | | | Pace qal li meta s-Segretarju Eżekuttiv ġie impjegat mal-Kunsill kien hemm kuntratt bejn il-Kunsill Lokali u l-istess Segretarju, liema kuntratt irid jiġi onorat. | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 06. 5. 5 | | | Ġie innutat ukoll li l-ebda waħda mir-raġunijiet ikkwotati fil-formola ta' l-ETC tat-tmiem ta' impjieg ma hi applikabbli. |
| 06. 5. 6 | | | **Fid-dawl tad-diskussjoni li saret, il-Kunsill qabel nem.con li s-Sindku m'għandux jiffirma t-terminazzjoni ta' l-impjieg tas-Segretarju Eżekuttiv minn mal-Kunsill Lokali Żejtun. Is-Segretarju Eżekuttiv min-naħa tiegħu informa lill-Kunsill li ser jinforma lid-DLG fuq dan ir-rigward.** |

**06. 6.** **Mozzjonijiet u Xogħlijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni |
|---|---|---|---|
| 06. 6. 1 | | Proponent: Camilleri<br>Sekondant: Darmanin | **Il-Kunsill qabel nem.con li jinxtraw kotba ġodda u jingħataw lil-librerija Ġużeppi Pulis Montebello fl-okkażjoni tal-Jum Dinji tal-Ktieb. Il-Viċi-Sindku irrimarkat li minħabba l-kwistjoni li nqalgħet ma' Skola Primarja B, ikun aħjar jekk tinkiteb ittra lill-iskejjel primarji dwar din l-għotja ta' kotba.** |

**06. 7.** **Affarijiet Oħra jekk meqjusa urġenti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 06. 7. 1 | | Sindku: Triq President A. Buttiġieġ | Is-Sindku informa lill-Kunsill li ġie ikkuntattjat minn Claudia Calleja tat-Times of Malta dwar Triq Presdient A Buttiġieġ. Huwa bagħat lis-Sinj. Calleja l-fatti li l-Kunsill dejjem sostna. Il-Kunsill huwa infurmat ukoll li ser isir dibattitu fil-Parlament dwar l-istess triq. Il-Kunsill qabel li jistaqsi lis-Supretendent Ray Vella Gregory kemm kien hemm inċidenti u kemm kien hemm imwiet f'din it-triq. Darmanin ġie infurmat li kawża ta' l-aħħar incident fatali f'din it-triq, il-kumpaniji ta' l-assikurazzjoni ma jridux jinxurjaw trakkijiet u bowsers li jġorru kull tip ta' fluids. Għaldaqstant min-naħa tiegħu qed jagħmel kuntatt ma' l-MFSA. | Sindku<br>Darmanin |
| 06. 7. 2 | | Camilleri: Patching | Camilleri talab sabiex isir il-patching ta' Triq Hal Tarxien. Is-Sindku spjega li l-grupp tal-patching tal-gvern għandu qed jaħdem B'Bugia. | Sindku<br>- |
| 06. 7. 3 | | Fenech: Traffic Management fi Triq Sant'Antnin | Fenech talbet sabiex isir traffic management fl-inħawi ta' Triq Santu Wistin/ Triq Sant'Antnin u Triq Bugharbiel sabiex jiġu evitati inċidenti tat-traffiku. Għaldaqstant **il-Kunsill qabel li għandhom isiru s-sinjali tat-traffiku rispettivi.** | Darmanin |
| 06. 7. 4 | | Sindku: Isem ta' ħanut f'Misraħ ir-Repubblika | Is-Sindku informa lill-Kunsill li daħlu rapporti dwar l-isem tal-ħanut 'Munchies' f'Misraħ ir-Repubblika li dan ma jixraqx fil-village core u mhuwiex permess. Dwar dan ġie imsejjaħ l-uffiċċjal tal-Mepa s-Sur Paul Schembri li ħareġ *enforcement notice*. Il-Kusnill innota li qatt ma ġiet għall-attenzjoni tiegħu applikazzjoni għal permess għal dan l-iżvilupp. | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 06. 7. 5 | Segretarjat: *Management Letter* | Is-Segretarjat informa lill-Kunsill li kien għadu kif irċieva l-*management letter* ta' l-awditur u għaldaqstant inqraw il-punti ewlenin ta' din l-ittra. Dwar l-onorarja tas-Sindku li ngħatat biż-żieda minn Novembru 2009, din saret skond avviż legali. Inġibdet l-attenzjoni dwar xiri mingħajr *purchase orders* speċjalment mingħand l-*ironmongeries*. | Sindku Segretarju Eżekuttiv |
| 06. 7. 6 | Darmanin: *Traffic Signs* Vjal 25 ta' Novembru | Darmanin informa lill-Kunsill li ser jerġgħu jitwaħħlu s-sinjali ta' *1hr parking* fi Vjal 25 ta' Novembru li kienu tneħħew minħabba żvilupp. | Darmanin |
| 06. 7. 7 | Darmanin: *Road Markings* - Ġimgħa l-Kbira | Darmanin xtaq ikun jaf kemm fadal flus ivvutati għal road makings. Is-Segretarjat wieġeb li l-flus huma limitat ħafna. | Darmanin |
| 06. 7. 8 | Darmanin: Bollard Pjazza l-Bjar | Darmanin talab lill-Kunsill sabiex titneħħa l-bollard minn Pjazza l-Bjar. Il-Kunsill laqa' din it-talba. | Darmanin |
| 06. 7. 9 | Fenech: Mera tat-Traffiku | Fenech ressqet quddiem il-Kunsill talba mis-sidien tal-garaxxijiet fi Vjal 25 ta' Novembru biex titwaħħal mera tat-traffiku faċċata ta' l-istess garaxxijiet. | Darmanin |
| 06. 7. 10 | Fenech: Ilqugh fi Triq San Girgor | Fenech fakkret lill-Kunsill dwar l-ilqugħ li kellu jsir quddiem il-forn ta' barbetta filwaqt li talbet il-preżenza tal-wardens minħabba l-parking abbużiv li jsir mis-sewwieqa fl-istess inħawi. Wille Piscopo fakkret dwar il-*crash barrier* ta' Triq il-Labour k/m Triq Xandru Farrugia. | Sindku |
| 06. 7. 11 | Fenech: skips fi Triq Marrubja | Fenech ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill dwar skips li ma jistgħux jintużaw sew fi Triq Marrubja. Is-Sindku spjega li ser issir platform biex tiġi solvuta l-problema. | Sindku |
| 06. 7. 12 | Fenech: Fondi ta' l-aerobics | Fenech staqsiet jekk il-fondi ta' l-aerobics kienux daħlu. Is-Segretarjat wieġeb li fit-12 ta' Marzu id-Dipartiment kien għamel rimbors ta' €420.00 lill-Kunsill Lokali. Dan huwa biss in-nofs li l-Kunsill kellu jirċievi. | Fenech |
| 06. 7. 13 | Viċi-Sindku: Ġnien San Girgor | Il-Viċi-Sindku semmiet il-kwistjonijiet li qed ikun hemm fi Ġnien San Girgor dwar min jagħmel użu mill-propjeta' tal-Kunsill. Il-Kunsill għamila ċara li l-bini kollu fi Ġnien San Girgor huwa propjeta' tal-Kunsill u għaldaqstant kull kwistjoni għandha tiġi indirizzata lill-Kunsill. Is-Sindku talab sabiex issir laqgħa mal-kerrej ta' Kiosk is-Sienja. | |
| 06. 7. 14 | Fenech: Hike 28.03.2010 | **Il-Kunsill qabel li fit-28 ta' Marzu is-sotto kumitat taż-żgħażagħ u sport jorganizza hike f'Delimara.** | Fenech |
| 06. 7. 15 | Pace: Ġbir ta' skart nhar ta' Tlieta | Pace saqsa jekk hux qed jinħarġu ċitazzjonijiet għal min joħroġ il-borża s-sewda nhar ta' Tlieta. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv. | Sindku |
| 06. 7. 16 | Camilleri: *Funwalk* | Camilleri talab sabiex tinkines il-bankina ta' dawra ta' l-iskola primarja dak inhar tal-*funwalk* li ser issir fit-23 ta' Marzu 2010. | Hales |
| 06. 7. 17 | Camilleri: Bozza fi Triq San Klement | Camilleri reġa' saqsa dwar is-shifting ta' bozza fil-parti t'isfel ta' Triq San Klement. | Sindku |
| 06. 7. 18 | Camilleri: *Stop sign* fi Triq Marrubja | Camilleri reġa' fakkar lill-Kunsill sabiex ladarba jkun hawn taż-żebgħa issir l-i*stop sign* ta' Triq il-Marrubja. | Darmanin |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 06. 7. 19 | Seychell: *Sleeping Policeman* fi Triq Sant'Antnin | Seychell irringrazzja lis-Sindku għas-*sleeping policeman* li twaħħlet fi Triq Sant'Antnin. | |
| 06. 7. 20 | Seychell: Ġnien tal-Kmandant | Seychell ġie avviċinat mill-Perit Ruben Abela dwar katusa tal-bejt x'aktarx miżduda fil-Ġnien tal-Kmandant. | Hales |
| 06. 7. 21 | Seychell: Art okkupata fil-Bajja ta' San Tumas | Seychell rraporta art li qed tiġi okkupata ħdejn kiosk fil-Bajja ta' San Tumas. Is-Sindku spjega li l-każ jaqa' taħt il-Kunsill Lokali M'Scala. | |
| 06. 7. 22 | Viċi-Sindku: Exhibition mit-Tfal ta' l-Iskola | Il-Viċi-Sindku irrapurtat il-ftuħ ta' l-exhibition ta' proġetti mit-tfal ta' skola primarja B. Ser jitqassmu biros lit-tfal ta' l-iskola imsemmija. It-tfal tal-primarja kollha ser ikollhom iċ-ċans li jaraw din il-wirja. | Viċi-Sindku |
| 06. 7. 23 | Viċi-Sindku: *Easter Weekend Break* | B'referenza għall-*easter weekend break* li tħabbar fil-laqgħa li għaddiet, il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-*weekend break* intlaqa' tajjeb peress li diġa' inkitbu madwar 50 ruħ. | Viċi-Sindku |
| 06. 7. 24 | Viċi-Sindku: Seba' Visti | Il-Viċi-Sindku fakkret lill-Kunsilliera fl-attivita' tas-seba' visti li ser tkun €5 -il ras. | Viċi-Sindku |
| 06. 7. 25 | Viċi-Sindku: Programm ta' attivitajiet | **Il-Kunsill qabel li jħejji programm ta' attivitajiet għas-sitt xhur li ġejjin sabiex bħas-snin preċedenti jitħejja *flyer* biex jitqassam f'kull residenza.** | Viċi-Sindku<br>Camilleri<br>Fenech<br>Seychell |
| 06. 7. 26 | Seychell: Seminar dwar il-Fratellanzi | Seychell irraporta s-seminar li sar nhar il-Ħadd 14 ta' Marzu li kien jitratta dwar il-Fratellanzi li kellu attendenza tajba ħafna. | Seychell |
| 06. 7. 27 | Fenech: *Bus Shelters* | Fenech talbet sabiex jitnaddfu l-*bus shelters* mill-karti imwaħħlin. Is-Sindku spjega li t-twaħħil tal-karti mal-*bus shelters* huwa *littering* u għaldaqsant min hu responsabbli ser ikun imħarrek. | Sindku |
| 06. 7. 28 | Sindku: Uffiċċju Turistiku ġewwa ż-Żejtun | Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar proposta ta' l-MTA sabiex isir uffiċċju turistiku ġewwa iż-Żejtun. Min-naħa tal-Gvern ser tingħata spinta fuq it-turiżmu rurali. Is-Sindku spjega li l-inħawi ta' San Niklaw għadhom mingħajr drenaġġ filwaqt li ssemmiet il-problema ta' l-ilma ta' Sant'Antnin li m'għadux tajjeb għas-saqwi. Il-Kunsill saħaq li għandha issir pressjoni sabiex ilma tajjeb għat-tisqija jerġa' jibda jingħata mill-impjant ta' Sant'Antnin lill-bdiewa minħabba l-problema ta' l-ilma Il-Viċi-Sindku proponiet li għandhom isiru *visits* gand Fenech Farm u San Niklaw Boutique Winery li jinsabu fil-periferija taż-Żejtun, mit-tfal ta' l-iskola. **Il-Kunsill qabel li din hija inizjattiva tajba li għandu jaħdem fuqha.** | Sindku<br>Viċi-Sindku |
| 06. 7. 29 | Segretarjat: TCTC - *Ecouncils* | Is-Segretarjat ressaq quddiem il-Kunsill u spjega kif ser jaħdem il-proġett ta' l-*ecouncils* minn TCTC. **Il-Kunsill qabel li għalissa m'għandux jieħu sehem.** | |

Is-Sindku għalaq il-laqgħa fid-9.05pm. Laqgħa oħra ser issir fil-15 ta' April, 2010 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Zejtun fis-6.00pm

Joe Attard
Sindku

Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv